# Il-Ġarr ta' likwidi fuq l-ajruplan

**Kull min jivvjaġġa bl-ajru jaf li hemm limitu fuq l-ammont ta' likwidu li jista' jittella' fuq l-ajruplan. Il-projbizzjoni ta' kontenituri ta' 'l fuq minn 100 millilitru ġiet fis-seħħ fl-2006 meta l-pulizija Ingliża kixfet komplott ta' attakki bi splużjonijiet kimiċi fuq titjiriet lejn u mill-Amerika u l-Kanada.**



Minn dak iż-żmien 'l hawn il-Kummissjoni Ewropea kienet ippjanat li sas-sena 2013 tkun neħħiet kompletament dawn ir-restrizzjonijiet. Il-ħsieb hu li iktar milli ma jitħallewx jittellgħu likwidi fuq l-ajruplani mill-passiġġieri, il-likwidi jkunu kkontrollati mill-uffiċjali tas-sigurtà fl-ajruporti.

Fil-fatt, l-ewwel pass f'dan il-pjan kellu jsir sad-29 ta' April 2011. Wara dakinhar kellhom jibdew jitħallew jinġarru spirti mixtrija bla dazju minn passiġġieri deħlin fl-Unjoni Ewropea fuq titjiriet minn pajjiżi terzi. Imma ġara li mhux l-Istati Membri kollha qablu ma' din id-deċiżjoni u ma applikawhiex. Franza, pereżempju, qiegħda ssostni li xorta għad hemm il-periklu li tkun il-mira ta' tali attakki.

Għalhekk il-Kummissjoni Ewropea talbet lill-Istati Membri kollha li għalissa jħallu dawn ir-regolamenti fis-seħħ biex ma tinħoloqx sitwazzjoni li tfixkel lill-passiġġieri minħabba li jkun hemm restrizzjonijiet differenti f'ajruporti differenti tal-Unjoni Ewropea.

L-Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru Ewropej qalet li għalkemm taqbel li jitneħħew ir-restrizzjonijiet, laqgħet id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea bħala l-aħjar deċiżjoni fis-sitwazzjoni.

Sadanittant, il-Kummissjoni Ewropea se tkun qiegħda tevalwa s-sitwazzjoni, l-iktar mal-Istati Uniti tal-Amerika, minħabba li l-biċċa l-kbira tat-titjiriet minn barra l-Unjoni Ewropea jkunu ġejjin minn dak il-kontinent.


Malta-EU Steering & Action Committee

280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 1112
2200 3300
info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt